MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 472/1997/1

**Dorris Arry, Antoine Arry u Ronald Arry, u b' digriet tal-Qorti tal-22 ta' Ottubru 2003, stante l-mewt ta' Antoine Arry, il-gudizzju gie trasfuz fuq Doris Arry, Ronald Arry u Doreen Arry**
**Vs**
**Emmanuel Zammit**

**Il-Qorti,**
Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

Peress illi fit-08 ta' Marzu 1996 miet Joseph Arry zewg l-attrici Doris Arry u missier l-atturi Antoine Arry u Ronald Arry, konsegwenza tal-feriti u d-defilment ikkagunati lilu mill-attur Emanuel Zammit, fl-10 ta' Jannar 1995 fir-Regional Road, Gzira, ghal habta tal-1.30pm;

Peress illi fl-istess okkazzjoni il-konvenut ikkaguna hsarat kbar fuq il-car numru H-2208 ta' l-imsemmi Joseph Arry;

Peress illi l-atturi ghamlu hafna spejjez sabiex jassistu lill-imsemmi Joseph Arry matul iz-zmien kollu bejn l-10 ta’ Jannar 1995 u t-08 ta’ Marzu 1996 li fih huwa kien rikoverat ‘unconscious’ fl-isptar konsegwenza tas-swat li garrab minghand il-konvenut;

Peress illi l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni kollha skond il-ligi li l-atturi soffrew minhabba l-korriment u s-sussegwentement l-mewt ta’ Joseph Arry konsegwenza tas-swat li garrab minghand il-konvenut fl-okkazzjoni imsemmija;

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

a. tiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghal korriment ta’ Joseph Arry fl-10 ta’ Jannar 1995 u tal-mewt tieghu fit-08 ta’ Marzu 1996 u ghalhekk huwa responsabbli ghad-danni kollha skond il-ligi li l-atturi soffrew b’konsegwenza ta’ l-istess korriment u mewt kif ukoll ta’ l-ispejjez li garrbu in konsegwenza ta’ l-istess korriment u mewt;
b. tillikwida l-imsemmi danni kollha skond il-ligi, u l-imsemmija spejjez; u
c. tikkundanna lil konvenut ihallas lil atturi l-amonti ta’ danni u spejjez hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali interpellatorja, u bl-imghaxija legali sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, id-deserzjoni tal-procedura presenti minhabba l-improponibilita’ tal-kawza a tenjur ta’ l-art 907 (2) tal-Kodici ta’ Procedura Civili, stante illi kawza ohra Cit Nru 1327/95 NA fl-ismijiet “Doris Urry vs Emanuel Zammit” fuq l-istess mertu u pretensjoni giet ceduta mill-atturi minghajr ma thallsu l-ispejjez gudizzjarji;

2. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors ta’ sentejn mill-incident;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-mertu l-esponent qed jikkontesta r-responsabbilia' stante li ghall-allegati danni u allegata mewt, ma huwiex responsabbli;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-17 ta' Jannar 2001 li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti. Fl-10 ta' Jannar 1995 sehhet kollizzjoni bejn il-vettura H-2208 misjuqa minn Joseph Arry u l-vettura Y-0068 misjuqa minn Kevin Zammit. Wara l-habta, meta dawna kienu fejn il-vetturi rispettivi taghhom jistennew il-pulizija jigu fuq il-post, tfacca missier Kevin Zammit, il-konvenut Emanuel Zammit, u wara diverbju bejn dan u l-imsemmi Joseph Arry dana sofra aggressjoni fisika da parti tal-konvenut bir-rizultat li Joseph Arry waqa' fl-art u habat rasu mac-central strip u garrab griehi serji f' rasu li eventwalment wasslu ghal mewt tieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi t-tesi tal-konvenut hi fis-sens li dana agixxa biex jiddefendi ruhu mill-aggressjoni da parti ta' Joseph Arry, li skond hu mar irrankat u irrabbjat ghalih. Huwa that dawn ic-cirkostanzi, isostni l-konvenut, li huwa ta daqqa ta' harta lil Arry, bir-rizultat li dana tilef il-bilanc u waqa' mal-art fejn habat rasu mal-bankina. Il-konvenut isostni li kien Joseph Arry li aggredih u l-mossa maghmula minnu kienet biss biss jevita din l-aggressjoni. Huwa ma riedx li jsehhu l-konsegwenzi li fil-fatt sehhew, u lanqas kienu dawn ma kienu previdibbli u proporzjonali ghad-daqqa li tah.

Illi in propositu ghad-dinamika tal-incident u senjatament ghall-kawza prossima u immedjata tal-griehi li sofra Joseph Arry, din il-Qorti, wara ezami tal-provi, hi tal-fehma

li ma tistax taccetta bhala veritiera t-tesi li kien Joseph Arry li aggredixxa lil Emanuel Zammit u li dana imbuttah biex jiddefendi ruhu. Is-segwenti osservazzjonijiet huma opportuni:

1. Illi sakemm wasal fuq ix-xena Emanuel Zammit, ma kien hemm ebda glied la bil-kliem u lanqas mod iehor; u kien biss wara li dan tfacca fuq il-post li beda l-inkwiet li wassal ghall-incident li fih safa' korrut Arry;

2. Illi ma gew rapportati ebda griehi fuq il-persuna tal-konvenut;

3. Illi rrizulta ab abundatia li kien Emanuel Zammit li refa' idejh fuq Joseph Arry, u kienet din l-aggressjoni fisika l-kawza prossima tad-dannu soffert minn Arry;

4. Illi mid-deposizzjoni tal-Kirurgu Anthony Galea Debono jirrizulta li l-griehi li sofra Joseph Arry f' rasu kienu goffi u estensivi rizultat ta' impatt vjolenti. "Jigifieri l-kwalita' ta' hsara li kellu dan, mhix kompatibbli ma xi hadd zelaq u waqa' u habat rasu, allavolja fid-dinja huwa kollox possibbli, imma hawn wiehed jistenna li l-forza… Normalment meta tkun miexi taqa' u tahbat rasek, mhux is-soltu jkun hemm din il-hsara daqstant goffa …. Kienet daqqa vjolenti hi x' inhi" [Fols.77-78]

4. Illi r-responsabbilita' penali tal-konvenut ghall-akkadut giet stabbilita in criminalibus kif evidenzjat mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali mghotija fit-30 ta' Marzu 1998 [Fol.48 et sequitur];

Illi tenut kont tal-premessi konsiderazzjonijiet l-Qorti, anke a bazi tal-kriterji tal-verosimiljanza u tal-probabbilita', waslet ghall-konkluzjoni li kien il-konvenut li aggredixxa lil Joseph Arry billi tah daqqa ta' harta li zbilancjat lill-istess Arry bil-konsegwenza diretta li dana habat rasu mas-central strip u garrab giehi estensivi f' rasu. Ta' dan l-komportament illegali u kriminuz da parti tal-konvenut dan kien instab hati mill-Qrati Kriminali tar-reat ta' offiza gravissima a tenur tal-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Dan ir-reat ghandu bhala l-element intenzjonali tieghu l-

animus nocendi u l-aspett materjali huwa determinat mill-konsegwenzi tal-att in bazi ghal massima dolus indeterminatus indeterminatur ab exitu. Il-kuncett tal-proporzjonalita' bejn l-element intenzjonali u r-rizultat materjali, kif ukoll l-element tal-prevedibbilita', ghalkemm ghandhom relevanza ghall-finijiet ta' piena, huma estranei ghal-fini tar-responsabbilita'.

Illi in civilibus il-posizzjoni legali hija governata mill-principji, kontenuti fl-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kap.16 li jidisponu li kullhadd irid iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu u jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' bonus paterfamilias. Illi l-ghemil delittwuz, li jikkostitwixxi wkoll reat kriminali, jidhol fil-parametri tar-responsabbilita' civili kif fuq definita u hija bazat fuq l-element tad-'dolo' li jikkonsisti "in the knowledge that one's act is contrary to a provision of the law, or that one's omission constitutes the breach of a duty imposed by law, and that such an act or omission will cause damage to others" [Prof.V.Caruna Galizia – Notes on Civil Law]

Illi fil-kaz in disamina ma hemmx dubbju li l-offiza kommessa mill-konvenut fuq il-persuna ta' Joseph Arry kienet wahda volontarja u doluza. Kienet rizultat ta' att volontarju munit bl-animus nocendi li wassal ghall-konfigurazzjoni ta' reat kriminali, konstatat ukoll mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] u konfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell kriminali kif fuq indikat. Ghaldaqstant ghandu jirrizulta car li l-konvenut ghandu jirrispondi wkoll civilment ghad-danni kollha kaggjonati minnu u li sehhew htija tieghu. Huwa immaterjali li rizultat ta' ghemilu l-konvenut kkaguna danni izjed milli ppreveda, jew li d-danni ma kienux proprozjonati ghall-att aggressiv; ghax id-danneggjant ghandu jwiegeb <u>ghad-danni kollha</u> kagjonati minnu lid-danneggjat li, multo magis f' kaz ta' reat kriminali fejn jikkonfigura l-element tad-dolo.

Illi fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jaghmel tentattiv biex jissepara l-att kriminuz kommess minnu mill-konsegwenza fatali li sofra Joseph Arry. Huwa isostni li "ma kienitx id-daqqa tal-konvenut li kkawzatlu l-mewt, u l-

mewt ma gietx per konsegwenza ta’ din id-daqqa, izda kien il-fatt li huwa zelaq fuq dan il-hgieg li kien hemm u habat rasu” [Fol.279]

In propositu l-Qorti terga’ tirribadixxi li fil-kamp civili kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha. Issa fil-kaz in disamina, irrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti, li Joseph Arry spicca mal-art rizultat tal-aggressjoni li huwa sofra da parti tal-konvenut. Din kienet il-kawza prossima u immedjata ta’ din il-parti tal-incident li kellha bhala konsegwenza taghha il-griehi serji u estensivi li sofra Arry f’ rasu li eventwalment waslu ghall-mewt tieghu.

F’ dan ir-rigward huwa rilevanti dak li xehed l-Kirurgu fuq imsemmi li “il-mewt li grat fit-8 ta’ Marzu 1996, hija rizultat tal-komplikazzjonijiet ta’ xi hadd li kellu head injury, ta’ xi hadd li baqa immobilizzat fis-sodda u zviluppaw hafna problemi, bed sores, li naturalment waslu ghall-mewt tieghu” [Fol.80]. Di fatti mill-provi rrizulta li Joseph Arry, rizultat tal-griehi li sofra f’ rasu, ghamel zmien twil f’ koma u sakemm miet baqa’ l-Isptar fis-sodda immobilizzat. Ghaldaqstant ma hemm dubbjux li l-mewt tieghu kienet ir-rizultat finali tal-ghemil doluz u kriminuz da parti tal-konvenut. Ta din il-hsara il-konvenut ghandu jirrispondi civilment billi jaghmel tajjeb ghad-danni kollha kkagjonati minnu.

*Danni*

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li, ghalkemm il-pretensjoni attrici kif dedotta fl-att tac-citazzjoni tikkomprendi wkoll “hsarat kbar fuq il-car H-2208 tal-imsemmi Joseph Arry” kaggjunati mill-konvenut, mill-provi ma rrizultax li l-konvenut kkaguna xi hsarat fuq il-vettura ta’ Joseph Urry.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici qeda tirriklama in linea ta’ danni s-somma ta’ Lm400 spejjez ta’ trasport u Lm48 spejjez ta’ ilma, ghal perijodu li r-ragel taghha nzamm l-Isptar sakemm miet u cioe’ mill-10 ta’ Jannar 1995 sat-8 ta’ Marzu 1996; kif ukoll is-somma ta’ Lm1,600.232 differenza fil-pensjoni taghha, rizultat tal-mewt ta’ zewgha, ghas-snin 1996 sal-2001 skond prospett [Fol.41] inkorporat fl-imsemmi affidavit.

In propositu ghall-ispejjez tat-trasport u tal-ilma, ghalkemm ma gewx prezentati ricevuti, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taccettahom bhala dovuti, stante li huma verosimili kunsidrat il-fatt li r-ragel taghha dam l-Isptar sena u xaharejn u ghalhekk fuq medda ta’ 465 gurnata. Inoltre, dan l-ammont ma giex kontestat u mhux kontradett mill-prova.  Ghalhekk l-ammont ta’ Lm480 qed jigi accettat nhala parti mid-danni dovuti.

Illi rigward il-pretensjoni attrici ghas-somma ta’ Lm1,600 il-Qorti taghmel referenza ghall-provi in propositu u senjatament ix-xhieda ta’ Victor Grima u Alfred Mallia, rapprezentanti tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali, kif ukoll ghad-dokumenti minnhom prezenati [Doks.VA1 u VA2 - Fols.107-108].  Minn din ix-xhieda johrog is-segwenti kwadru dwar il-posizzjoni finanzjarja ta’ Joseph Arry mill-perijodu li jestendi mill-1 ta’ Jannar 1995 sas-6 ta’ April 1996;  u l-posizzjoni ta’ l-attrici, bhala armla li tricevi l-pensjoni, mid-9 ta’ Marzu 1996 sas-6 ta’ Jannar 2001.

Irrizulta li mill-1 ta’ Jannar 1995 Joseph Arry, ragel 60 sena li kien jahdem mad-Dipartiment tal-Public Works bhala plasterer, kien beda jiehu paga ta’ Lm55.48c fil-gimgha.  Fl-10 ta’ Jannar 1995, id-data tal-korriment tieghu, sad-8 ta’ Marzu 1995 huwa kien ha l-leave kollu li kien intitolat ghalih; izda <u>kien thallas ta’ kollox</u> mid-Dipartiment.[1]  Kien mid-9 ta’ Marzu 1995 li l-leave tieghu gie “exhausted” u ma bedhiex jithallas aktar.  “Gie leave with no pay”.  Huwa baqa’ f’ din il-posizzjoni sas-17 ta’ Gunju 1995 mill-liema gurnata Joseph Urry beda jiehu l-pensjoni ta’ Lm1,575.32,6, u dan sas-6 ta’ April 1996. Doris Arry qalet ukoll li f’ xi zmien kienet tiehu l-assistenza socjali.

Ghalhekk mill-kwadru premess jirrizulta li t-telf ta’ paga li garrab Joseph Urry u martu l-attrici, huwa limitata ghall-perijodu li jestendi mid-9 ta’ Marzu sas-16 ta’ Gunju 1995. F’ dan il-perijodu Joseph Urry “gie sick with no pay” u ghal

[1] Dep.Alfred Mallia – Fol.104

dan it-telf ta' qligh ghandu jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut. Dan jammonta ghas-somma komplessiva ta' Lm 721 bazata fuq paga ta' Lm55.48c ghal circa tlett xhur.

Illi rigward t-telf fil-pensjoni li l-attrici sofriet minhabba l-mewt ta' zewgha, Victor Grima xehed li d-differenza hija ta' 1/9 fuq id-dhul pensjonabbli, izda mill-atti ma tirrizultax kwantifikata. Jirrizulta pero' li ghas-snin li jestendu mis-sena 1996 sas-sena 2001 l-attrici hadet pensjoni globali fl-ammont ta' Lm10,671.39 u l-figuri indikati fil-prospett taghha jivarjaw mill-figura indikati fil-prospett [Dok.VA2 Fol.108] mahrug mid-Dipartiment fuq indikat. F' dan ir-rigward il-Qorti wara li ezaminat iz-zewg prospetti tikkalkola arbitrio boni viri li s-somma ta' Lm500, kalkolata fuq medda ta' hames snin, ghandha taghmel tajjeb ghat-telf li l-attrici garrbet fil-pensjoni taghha minhabba l-mewt ta' zewgha. Ghaldaqstant dan l-ammont ta' LM500 ghandu jigi komputat mad-danni dovuti.

Illi in vista tal-premess is-somma globali dovuta lill-attrici in linea ta' danni sofferta minnha rizultat tal-mewt ta' zewgha tammonta komplessivament ghall-elf u seba mitt lira maltin ta' [Lm1,700].

Illi rigward l-ammonti ta' Lm405 u Lm384 pretizi mill-atturi Ronald Arry u Antoine Arry rispettivament, il-Qorti tosserva li dawn id-danni ma gewx sostnuti minn provi sodisfacenti. Fl-affidavit tieghu Ronald Arry qal li huwa ha "xaharejn leave" biex ikun jista' joqghod ma missieru bir-rizultat li tilef xaharejn paga bir-rata ta' LM45 fil-gimgha. Izda dan l-attur ma ressaq ebda prova ohra f' dan ir-rigward in sostenn ta' dak minnu allegat, bhal per ezempju, il-post fejn kien jahdem, xi kwalita' ta' xoghol kien jaghmel, jekk tax-xaharejn leave li kien ha kienx thallas taghhom, u dan, apparti mill-prova dokumentarju relattiva li hija totalment assenti. L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw ghall-attur Antoine Arry, li apparti li sostna li tilef xoghol fl-ammont ta' Lm384 minhabba l-incident ta' missieru, ma gab ebda prova ohra in sostenn. In konkluzjoni l-Qorti tosserva li fir-rigward tal-pretensjoni tal-atturi Ronald u Antoine Arry, relattiva ghall-quantum tad-danni allegatament sofferti minnhom il-provi,

huma skarsi ghall-ahhar u insodisfacenti. Ghaldaqstant, fuq l-istregwa tal-massima onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat u quod gratis asseritur gratis negatur, il-Qorti hi tal-fehma li dawna ma rnexxielhomx jipprovaw ghas-sodisfazzjoni taghha li fil-fatt sofrew id-danni reklamati minnhom, u ghalhekk it-talba taghhom f' dan ir-rigward ma treggix.

*Preskrizzjoni*
Illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li l-azzjoni odjerna hija preskritta bid-dekors tal-perijodu ta' sentejn mill-incident. In propositu l-Qorti tirrileva li l-preskrizzjoni f' materja ta' danni derivanti minn reat kriminali hija regolata bl-Artikolu 2154 tal-Kap.16 li fis-sub inciz [1] jiddisponi li " Dwar il-preskrizzjoni ta' azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b' reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali". Fil-kaz in disamina r-reat li rizultat tieghu Joseph Arry sofra danni huwa dak kontemplat fl-Artikolu 218 li jgorr mieghu piena massima ta' disa snin prigunerija, u ghalhekk, fit-termini tal-Artikolu 688[b] preskrivibbli biss bid-dekorriment ta' hmistax il-sena. Minn dan jirrizulta car li din l-eccezzjoni hija nsostenibbli fil-fatt u fid-dritt.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghar-ragunijiet fuq spjegati, tilqa' it-talbiet attrici kif ser jinghad: Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident indikat fic-citazzjoni, u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attrici Dorris Arry; tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elf u seba mitt lira maltin ta' [Lm1,700]; Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-istess Dorris Arry din is-somma ta' Lm1,700. Bl-imghax legali mid-data ta' dan il-gudizzju.

Tichad it-tieni talba ghall-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas tad-danni fil-konfront tal-atturi l-ohra, Antoine u Ronald Arry. L-ispejjez ta' din it-talba relattiva ghal dawn iz-zewg atturi jibqghu a kariku tal-istess atturi. Il-kumplament tal-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------